VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,160, 1 ta' Novembru, 2013
Taqsima B

A.L. 360 tal-2013

ATT DWAR L-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR (KAP. 378)

Regolamenti tal-2013 dwar id-Drittijiet tal-Passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-Baħar jew minn Passaġġi fuq l-Ilma Interni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 7 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, il-Ministru responsabbli għall-Affarijiet tal-Konsumatur, wara konsultazzjoni mal-Kunsill għall-Affarijiet tal-Konsumatur, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2013 dwar id-Drittijiet tal-Passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-Baħar jew minn Passaġġi fuq l-Ilma Interni.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħieġ xort'oħra:

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur; Kap. 378.

"id-Direttur Ġenerali" tfisser id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) kif imfisser fl-Att;

"ir-Regolament (EU) Nru 1177/2010" tfisser ir-Regolament (EU) Nru 1177/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004;

"it-Tribunal tal-Appell tal-Kompetizzjoni u tal-Konsumatur" tfisser it-Tribunal tal-Appell tal-Kompetizzjoni u tal-Konsumatur kif stabbilit taħt l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur; Kap. 510.

"l-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur" tfisser l-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur kif stabbilit taħt l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur. Kap. 510.

(2) Il-kliem li ġejjin, jiġifieri "trasportatur", "servizz tal-passiġġieri", "trasportatur adempjenti", "terminal tal-port", "aġent tal-ivvjaġġar", "bejjiegħ tal-biljetti", "operatur turistiku", "operatur tat-terminali" u "persuna b'diżabbiltà" jew "persuna b'mobbiltà mnaqqsa", għandu jkollhom l-istess tifsira kif stabbilit fir-

VERŻJONI ELETTRONIKA

Regolament (EU) Nru 1177/2010.

Tifsir esklussiv.

(3) B'mod esklussiv għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, "passiġġiera" u "persuni b'diżabbiltà" jew "persuni b'mobbiltà mnaqqsa" huma klassifikati bħala "konsumaturi" skont il-paragrafu (iii) tat-tifsira "konsumatur" fl-artikolu 2 tal-Att.

Persuna maħtura u s-setgħat tagħha.

3. (1) Għall-finijiet tar-Regolament (EU) Nru 1177/2010, id-Direttur Ġenerali huwa l-persuna maħtura responsabbli mill-infurzar tad-disposizzjonijiet tar-Regolament (EU) Nru 1177/2010.

(2) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu taħt dawn ir-regolamenti, id-Direttur Ġenerali għandu jkollu l-istess funzjonijiet u setgħat kif preskritti taħt l-Att u, b'mod partikolari, għandu joħroġ dik l-ordni jew deċiżjoni, jew jieħu dik il-miżura kif hu jqis xieraq skont l-Att.

Responsabilità tat-trasportaturi, aġenti tal-ivvjaġġar, operaturi turistiċi, bejjiegħa tal-biljetti, operaturi tat-terminali, trasportaturi adempjenti u awtoritajiet tal-port.

4. Trasportaturi, aġenti tal-ivvjaġġar, operaturi turistiċi, bejjiegħa tal-biljetti, operaturi tat-terminali, trasportaturi adempjenti u awtoritajiet tal-port għandhom jiżguraw il-konformità mal-obbligi imposti fir-Regolament (EU) Nru 1177/2010.

Multi amministrattivi.

5. Kull persuna li tonqos milli tħares l-obbligi imposti fir-Regolament (EU) Nru 1177/2010 tkun ħatja ta' ksur b'piena ta' multa amministrattiva ta' mhux inqas minn erba' mija u sebgħin euro (€470) u mhux iktar minn sebgħa u erbgħin elf euro (€47,000):

Iżda li fil-każ ta' nuqqas ta' ħarsien ta' ordni ta' tħaris, id-Direttur Ġenerali jista' jimponi multa ta' kull jum ta' mhux inqas minn mija u għoxrin euro (€120) u mhux iktar minn mitejn u tletin euro (€230) għal kull jum ta' nuqqas ta' ħarsien.

Dritt ta' appell.

6. Kull persuna li tħossha aggravata b'deċiżjoni, ordni, multa amministrattiva jew miżura imposta jew meħuda mid-Direttur Ġenerali, tista' tippreżenta appell quddiem it-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur skont l-Att.

Appell quddiem il-Qorti tal-Appell.

7. Kull parti f'appell quddiem it-Tribunal tal-Appell, inkluż id-Direttur Ġenerali, li jħossu aggravat minn deċiżjoni tat-Tribunal tal-Appell jista', fuq punti ta' liġi jew punti ta' ġustizzja naturali, jappella quddiem il-Qorti tal-Appell skont l-Att.